# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Illum 11 ta' Marzu, 1997

Il-Pulizija

VS

Kenneth Bajada

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fl-1 ta' Marzu 1996 ghall-habta tas-4.00 p.m. fi triq il-Mithna, Hal Qormi, saq il-vettura numru S 3074:

1. B'manjiera traskurata;

2. B'manjiera perikoluza,

3. B'giri aktar milli jmissu,

4. Meta kien qed jaqbez vettura ohra, naqas li jiehu il-prekawzjoni mehtiega,

5. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsara f'vettura numru EBY 543,

6. Ikkaguna hsara involontarja fil-vettura K 8438 ghad-dannu ta' Mario J Grech u George Vella rispettivament,

7. Fl-istess habta involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Jonathan Camilleri skond kif iccertifikat Dr Glorianne Briffa tal-isptar san Luqa.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghet il-provi.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

In vista li mill-provi prodotti jidher li l-akkuzat kien qed isuq b'manjiera perikoluza pero mhux traskurata fis-sewqan eccessiv tieghu specjalment in rigward il-lokalita in kwistjoni u meta ex admissis qal li ra il-bus il-boghod,

Filwaqt li tilliberah mill-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fl-1 ta' Marzu 1996 ghall-habta tas-4.00 p.m. fi triq il-Mithna hal Qormi, saq il-vettura numru S 3074 b'manjiera traskurata,

Issibu hati talli fl-1 ta' Marzu 1996 ghall-habta tas-4.00 p.m. fi triq il-Mithna hal Qormi, saq il-vettura numru S 3074

1.. B'manjiera perikoluza,

2. B'giri aktar milli jmissu

3. Meta kien qed jaqbez vettura ohra, naqas li jiehu il-prekawzjoni mehtiega

4. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskruagni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna hsara f'vettura numru K 8438 ghad-dannu ta' Mario J Grech u George Vella rispetivament.

Rat l-Artikoli 15 (1) (a) (2) u 18 (2) tal-Kapitolu 65 u 328 u 226 tal-Kapitolu 9 kif ukoll il-Motor Vehicles regulations numru 75.

Tikkundanna lill-istess akkuzat ghal multa ta' LM25.

In oltre tiskwalifikah mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur minn ghada stess.

L-istess Qorti tiddikjara il-procediment ezawrit in rigward l-akkuza talli fl-1 ta' Marzu 1996 ghall-habta tal-4.00 p.m. fi triq il-Mithna hal Qormi, saq il-vettura numru S 3074 u b'nuqqass ta' hsieb, bi traskruagni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna hsara f'vettura numru EBY 543

A. Calleja
Dep Reg                    Veru Kopja      Ghar-Registratur